MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 552/2009

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Alexander Fenech(ID 399570M) u permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar, 2010 giet kjamata in kawza Francienne Fenech.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2009 fejn is-scjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn disgha u hamsin ewro erbgha u erbghin centezmu (€259.44) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21333214, skond kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok A;

Illi l-konvenut gie interpelat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mit-12 ta' Settembru, 2007 kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut Alexander Fenech ipprezenta risposta fis-27 ta' Ottubru, 2009 fejn eccepixxa illi:

1. Fl-ewwel lok, in-nuqqas t'integrita tal-gudizzju billi huwa mehtieg li tissejjah fil-kawza mart l-eccipjenti Francienne Fenech;

2. Fit-tieni lok, it-talbiet attrici fil-konfront tal-kuntratt mertu tal-kawza jinsabu preskritti a tenur tal-A rtikolu 2156(7)tal-Kodici Civili;

3. Fit-tielet lok, u bla hsara ghall-premess, il-kreditu pretis mis-socjeta' attrici huwa inezistenti stante li l-linja tat-telefon mertu tal-kawza ilha snin twal imwaqqfa minghajr ma tintuza mill-eccipjenti.

Salv kull eccezzjoni ohra skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici in subizzjoni.

Giet kjamat in kawza Francienne Fenech li pero' baqghet kontumacja.

Is-socjeta' attrici gabet il-provi taghha dwar il-preskrizzjoni fejn xehed il-PL Noel Scerri u qal ill fit-12 ta' Settembru, 2007 kien sar pagament en account.

Xehed Alexander Fenech fejn ispjega illi n-numru tat-telefon kien jinsab fid-dar fejn kien jghix mal-mara tieghu. Il-kontijiet telghu wara li telaq hu mid-dar.

It-Tribunal ghalhekk jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici ghas-somma ta' mitejn disgha u hamsin ewro erbgha u erbghin centezmu (€259.44) u jikkundana lill-konvenuta Francienne Fenech sabiex thallas din is-somma lis-socjeta' attrici. Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkun a karigu tal-konvenuta Francienne Fenech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------